# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 12**

**Rikors numru 1095/18/1 JVC**

**Mario u Lucienne konjuġi Montesin, u permezz ta' digriet datat 2 ta' Frar 2021 Lucienne Montesin assumiet l-atti *stante* li Mario Montesin miet fil-mori tal-kawża**

**v.**

**Richard u Rita konjuġi Bugeja, u permezz ta' sentenza preliminari ġew kjamati fil-kawża Francis Grogan u Dolores *sive* Maria Dolores *sive* Doris Grogan**

**Il-Qorti:**

1. Din hija azzjoni rivendikatorja.

2. L-atturi, wara li ppremettew:

"1. Illi r-rikorrenti huma l-propjetarji tal-kamra bin-numru tlettax (13) formanti parti minn kerrejja aċċessibli minn entratura komuni li ġġib in-numru ufficjali mija disgħa u sittin (169), ġja` mija tlieta u sittin (163) fi Triq l-Arkata ġewwa Rahal Gdid (Dok A);

2. Illi l-intimati qegħdin jokkupaw l-imsemmija kamra bla ebda titolu validu fil-liġi;

3. Illi di piu` l-intimati abbuzivament u mingħajr ebda dritt skont il-liġi nifdu l-kamra mertu ta' dawn il-proceduri, mas-sular sovrastanti permezz ta' xogħolijiet strutturali bil-għan illi jisilfu aċċess għall-proprjeta' tagħhom fl-istess sular sovrastanti u f'kull każ it-titolu tagħhom għal tali aċċess minnhom ikkrejat huwa bbażat fuq mera tolleranza;

4. Illi r-rikorrenti debitament interpallaw lill-intimati kemm permezz ta' ittra legali datata 23 ta' Marzu 2018, kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Mejju 2018, sabiex jizgombraw mill-kamra in kwistjoni u sabiex iġibuha lura għall-istat strutturali li kienet qabel ma huma għamlu x-xogħolijiet fuq riferiti, izda huma baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir dina l-kawża".

3. Talbu lill-Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara li l-intimati qegħdin jokkupaw il-fond bin-numru tlettax (13) formanti parti minn kerrejja aċċessibli minn entratura komuni li ġġib in-numru ufficjali mija disgħa u sittin (169), ġja` mija tlieta u sittin (163) fi Triq l-Arkata gewwa Rahal Ġdid mingħajr titolu validu skont il-liġi; u konsegwentament;

2. Tordna lill-intimati sabiex jiżgombraw mill-fond in kwistjoni u dan entro terminu qasir u perentorju illi jiġi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti;

3. Tordna wkoll sabiex, entro l-istess terminu qasir u perentorju illi jiġi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti skont it-talba preċedenti, l-istess intimati jwettqu, okkorrendo taħt id-direzzjoni u s-sorverjanza ta' periti nominandi, dawk ix- xogħlijiet kollha meħtieġa sabiex il-fond in kwistjoni jiġi strutturalment mifrud minn mas-sular sovrastanti, sabiex b'hekk il-fond in kwistjoni jerġa' jiġi rijintegrat għall-istat oriġinali tiegħu; u fin-nuqqas

4. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex iwettqu huma stess l-istess xogħolijiet ta' rijintegrazzjoni msemmija fil-fond in kwistjoni, taht id-direzzjoni u sorveljanza tal-istess periti nominandi, u dana a spejjeż tal-intimati".

4. Il-konvenuti eċċepew:

> "1. Illi preliminarjament jiġi rilevat illi l-esponenti mhumiex il-leġittimi kontradditturi stante illi ma teżisti l-ebda relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-esponenti u dan kif jidher mill-kuntratt ta' akkwist illi ġie anness mar-rikors promotur fejn ir-rikorrenti akkwistaw il-fond tagħhom mingħand Francis u Dolores konjugi Grogan u mhux mingħand l-esponenti. Illi għaldaqstant l-esponenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;
>
> 2. Illi inoltre l-esponenti jirrilevaw u dan mingħajr pregudizzju għas-suespost illi sabiex il-ġudizzju jkun integru u fl-aħjar interess tal-ġudizzju kellhom jitħarku u jifformaw parti mill-kawża odjerna Francis u Dolores konjuġi Grogan;
>
> 3. Illi inoltre l-esponenti jirrilevaw u dan mingħajr pregudizzju għas-suespost taħt liema disposizzjoni r-rikorrenti qed jibbażaw it-talbiet tagħhom;
>
> 4. Illi fil-mertu l-esponenti jirrilevaw illi t-talbiet hekk kif magħmula mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;
>
> 5. Illi jiġi rilevat illi din mhix kamra iżda hi sempliċi entratura u hi saħansitra l-entratura tal-esponenti għad-dar matrimonjali tagħhom u dan ifisser illi mingħajr tali entratura l-esponenti lanqas biss jkollhom aċċess għad-dar tagħhom stess;
>
> 6. Illi inoltre jiġi rilevat illi mhuwiex minnu illi l-esponenti qegħdin jokkupaw entratura/kamra bla ebda titolu validu fil-liġi iżda sahansitra anke r-rikorrenti stess kienu jafu b'tali sitwazzjoni u aċċettaw u kkonformaw ruħhom ma' tali sitwazzjoni stante illi tali stat ta' fatt jinsab fil-kuntratt ta' bejgħ minnhom iffirmat tmien (8) snin ilu".

5. Permezz ta' sentenza tad-29 ta' Ottubru 2020 l-Ewwel Qorti laqgħet it-tieni eċċezzjoni.

6. Il-kjamati fil-kawża eċċepew:

> "1. Illi għar-rigward l-atturi fil-konfront tal-kuntratt datat dsatax ta' Frar tas-sena elfejn u ħdax gie maqbul illi l-komparenti jiġifieri l-atturi jiddikjaraw illi jafu li bhalissa l-kamra okkupata minn terzi u jobbligaw ruhhom li ma jinvolvix lill-vendituri f'xi kwalunkwe diżgwit jew pretenzjonijiet f'dan ir-rigward u għalhekk l-atturi ma jistgħux jinvolvu

lill-konvenuti f'dawn il-proceduri għax ġja` kien hemm ftehim f'dan is-sens u l-atturi xtraw ben konoxxenza tal-fatt li din il-kamra hija okkupata minn terza persuna;

2. Fit-tieni lok għar-rigward l-konvenut ossia l-intimat ma għandux ebda titolu fil-liġi sabiex jokkupa l-fond u kien hemm biss fuq tolleranza. Tant hu hekk illi minkejja l-fatt li l-kjamat in kawza interpellah sabiex jersaq għall-konvenju u kuntratt dan qatt ma għamlu u ma hemm ebda kuntratt ta' bejgħ registrat u insinwat;

3. Għaldaqstant l-esponenti ma għandux x'jaqsam f'din il-kawza u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju".

7. B'sentenza tal-31 ta' Ottubru 2023 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi:

"1. Tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-intimati konjuġi Bugeja stante li jirriżulta li huwa minnu li l-uniku aċċess tagħhom huwa mill-kamra u taraġ mertu tal-kawza odjerna;

2. Tiċħad l-ewwel eccezzjoni tal-kjamati fil-kawza iżda tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-kjamati in kawża u tilliberhom mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. Tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-intimati Bugeja u tal-kjamati in kawża safejn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

4. Konsegwentement għar-raġunijiet suesposti, fosthom li l-kamra u t-taraġ huma l-uniċi aċċess għar-residenza tal-intimati konjugi Bugeja fit-termini tal-artikolu 447 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sitwazzjoni li kienu ben konxji fuqha r-rikorrenti fil-kuntratt ta' akkwist tagħhom mal-kjamati fil-kawza, tgħaddi sabiex tiħad fl-intier it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kollha li għadhom mhux decizi kontra r-rikorrenti".

8. Jirriżulta mill-atti proċesswali quddiem l-Ewwel Qorti li l-atturi ppruvaw it-titlu tagħhom sal-livell tal-prova dijabolika, għaliex il-provenjenza tal-fond minnhom reklamat tmur lura għal iktar minn għaxar snin taħt titlu oneruż u ma tressqet l-ebda prova li ma kinux *in bona fede*.

9. L-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> "Illi d-difensur tal-intimati Dr. David Camilleri fit-trattazzjoni tiegħu fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2023 (fol. 110) għamel referenza għall-Artikolu 447 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fir- rigward fond li m'għandux ħruġ fuq triq pubblika li jiddisponi:
>
> > "447. (1) Is-sid li l-fond tiegħu m'għandux ħruġ fuq it-triq pubblika, jista' jġiegħel lis-sidien tal-fondi ta' ma' ġenbu li jagħtuh il-mogħdija meħtieġa, bi ħlas ta' kumpens proporzjonat għall-ħsara li ġġib dik il-mogħdija.
> >
> > (2) Din il-mogħdija għandha ssir f'dik il-parti fejn tkun tal-anqas ħsara għall-persuna li fuq il-fond tagħha tiġi mogħtija".
>
> Illi kif ikkonfermat mill-kjamat in kawża Francis Grogan, kwotat aktar il-quddiem, l-uniku aċċess għar-residenza tal-intimati hija mill-kamra mertu tal-kawza odjerna billi l-aċċess li kien hemm qabel, lura fis-sena 1990, kien ġie devjat bi ftehim bejn l-istess Grogan u l-intimati konjugi Bugeja. Il-Qorti temmen li tali ftehim bejn Grogan u Bugeja kellu mit-tpartit billi Bugeja ċedew l-aċċess tagħhom minn quddiem ir-residenza ta' Grogan u Grogan ikkonċedew aċċess mill-kamra u taraġ proprjeta` tagħhom. B'dan il-ftehim iż-żewġ partijiet kienu gwadanjaw billi Grogan kien gwadanja illi l-intimati ma baqgħux jużaw il-passaġġ li jgħaddi minn quddiem ir-residenza tagħhom u nfatti Grogan kien għalaq l-aċċess b'ħajt li jidher fir-ritratti a fol. 32 tal-proċess u l-intimati Bugeja gwadanjaw billi kellhom aċċess privat minn ġol-kamra u t-taraġ li jagħti unikament għar-residenza tagħhom.
>
> Illi l-Qorti ma tistax tinjora l-eżistenza ta' dan il-ftehim bejn il-kjamati in kawża l-konjuġi Grogan u l-intimati Bugeja, aktar u aktar fid-dawl li l-kamra u t-taraġ mertu tal-kawża odjerna saru l-uniku aċċess tal-intimati għar-residenza tagħhom. Il-Qorti hi tal-fehma illi ċ-ċirkostanzi spjegati jidħlu proprju fil-parametri tal-Artikolu 447 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta".

10. L-attriċi appellat mis-sentenza tal-31 ta' Ottubru 2023. Issostni li l-Ewwel Qorti messha laqgħet, mhux ċaħdet it-talbiet kollha tagħha. L-aggravji huma elaborati fit-tul u mhumiex enumerati. Għall-kjarezza, il-Qorti qiegħdha tiġborhom kif ġej:

(1) Oriġinarjament il-konvenuti kellhom aċċess għall-fond tagħhom

minn passaġġ li kien jinstab fuq l-istess livell tal-appartament tagħhom. Bi ftehim verbali mad-dante kawża tal-attriċi, il-konvenuti għalqu dan l-aċċess u ngħataw l-aċċess preżenti. L-Ewwel Qorti għarfet dan it-tpartit għalkemm ma jiswiex għax ma sarx b'att pubbliku.

(2) L-interkjużura ġabuha l-konvenuti b'idejhom u għalhekk l-Art. 477 ma japplikax.

(3) L-Art. 447 japplika għall-fond adjaċenti, u mhux għal meta fond ikun jinstab fuq ieħor. Fil-każ preżenti, il-fond tal-konvenuti jinstab fuq il-fond tal-attriċi.

(4) Kieku l-Art. 447 preċitat huwa applikabbli, il-Qorti kellha tagħti jedd ta' mogħdija fil-limiti ta' dak meħtieġ, u mhux tneħħi għalkollox il-pussess tal-kamra *de quo* lill-attriċi b'mod li nkorporawha bħala parti mill-appartament tagħhom.

(5) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tammonta għal esproprijazzjoni illegali, bi ksur tal-jedd fundamentali li jħares id-dritt għall-proprjetà.

Ikkunsidrat:

11. **L-ewwel aggravju** ma jippreżenta l-ebda diffikultà għaliex huwa

elementari li tpartit ta’ proprjetà immobbli jrid isir permezz ta’ att pubbliku u għalhekk qiegħed jiġi milqugħ.

12. Lanqas huwa kkontestat bħala fatt li l-konvenuti li ċedew u neħħew l-aċċess oriġinali li kellhom.

13. Hu paċifiku biex l-interkjużura ta’ fond tagħti lok għall-mogħdija fuq il-fondi viċini, hemm bżonn li dik l-interkjużura tkun l-effett ta’ avveniment independenti mill-volontà tal-proprjetarju ta’ dak il-fond.[1] Il-bżonn ta’ aċċess minn fuq beni ta’ ħaddiehor irid jirriżulta minn ċirkustanzi li jkunu independenti mir-rieda ta’ min jirreklama dak id-dritt; proprjetarju ma jistax, hu stess, joħloq sitwazzjoni fejn ikollu bżonn aċċess minn fuq beni tal-viċin, u mbagħad jinsisti li l-viċin jikkonċedielu dak id-dritt. Għalhekk it-**tieni aggravju** huwa wkoll tajjeb u qiegħed jiġi milqugħ. Stabbilit dan, din il-Qorti tista’ tieqaf hawn. B’danakollu għall-kompletezza sejra tikkunsidra wkoll it-tielet aggravju li għalih l-appellati fir-risposta tal-appell tagħhom iqajjmu punt interessanti.

14. Dwar it-**tielet aggravju**, l-appellati jaċċettaw li l-fondi rispettivi tal-partijiet mhumiex maġemb xulxin imma wieħed fuq l-ieħor. B’danakollu, isostnu li l-Art. 447 inkiteb fi żmien meta l-interkjużura kienet isseħħ tipikament fil-każ ta’ raba’ u kien għalhekk li l-leġislatur esiġa li biex

[1] **De Giorgio v. Zammit Tabona** 15.10.1982 Qorti tal-Appell.

jingħata dritt ta' passaġġ neċessarju, il-fondi jridu jkunu ħdejn xulxin. Isostnu li għall-każ preżenti, xorta waħda l-Qorti għandha tapplika l-Art. 447 permezz tal-analoġija.

15. Qabel tindirizza din ir-risposta, il-Qorti sejra tagħmel ftit riflessjonijiet qosra dwar l-għodda tal-analoġija.

16. Huwa skontat li l-leġislatur ma jista' qatt jaħseb għalkollox. Hemm ħafna kittieba tal-liġi li ma jammettux il-possibilità ta' *casus omissus*, għaliex isostnu li l-liġi tipprovdi lill-interpretu b'għadd formidabbli ta' prinċipji ġenerali li b'xi mod jew ieħor ikopru kull każ possibbli. Oħrajn, bħal Kelsen, jemmnu li l-vojt huwa inevitabbli, għaliex hemm ċerti problemi li jaħarbu r-regolamentazzjoni pożittiva u jridu jiġu solvuti skont il-fehma tal-interpretu u skont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

17. Fil-leġislazzjonijiet kollha dejjem inħasset il-ħtieġa ta' fonti li tissupplixxi u timla' l-lakuni tal-liġi miktuba.

18. L-istitut tal-analoġija huwa l-mezz ewlieni maħsub biex jissuplimenta l-liġi. L-eżerċizzju tal-analoġija jsir meta bejn l-oġġett tal-kontroversja u dak ikkontemplat mid-dispożizzjoni leġislattiva li għaliha ssir riferenza, ikun hemm identità tal-motivi: *ubi eadem est ratio legis, ibi eadem est legis dispositio*. Jingħad ukoll iktar fil-qasir *ubi eadem ratio,*

*ibi ius*. L-analogija hija t-tpoġġija ma' xulxin ta' żewġ elementi opposti: l-identità u d-diversità: każijiet diversi u l-istess prinċipju (*a pari* jew *de pari ratione* jew *eadem ratio decidendi*) biex jiġu deċiżi. Skont il-Bianchi, hija din l-identità tal-motivi li tiġġustifika l-analoġija, għaliex huwa naturali li wieħed jippresumi li, kieku l-leġislatur ikkontempla espressament il-każ kontrovers, kien jirregolah l-istess bħall-ieħor li kien fih l-istess raġunijiet.

19. Fil-każijiet fejn, minflok sitwazzjoni identika, ikun hemm sitwazzjoni bil-maqlub, minflok l-analoġija jiġu applikati prinċipji wkoll ibbażati fuq l-istess *ratio* bħal *qui dicit de uno, negat de altero* jew fi kliem ieħor *inclusione unius fit exclusio alterius.* Dan hu ekwivalenti għall-prinċipju li l-eċċezzjoni tikkonferma r-regola.

20. Fil-każijiet fejn is-soluzzjoni għall-każ A jrid jiġi estiż għall-każ B billi B ikollu iktar mir-rekwiżiti minimi meħtieġa biex tiġi applikata r-regola, hemm il-prinċipju tal-*a fortiori.* Dan il-prinċipju huwa maqsum fl-argumenti *a maiori ad minus* jew *a minori ad maius*, jiġifieri, l-istess regola tiġi applikata għall-każijiet oħrajn ikbar jew iċken, imma li għalihom tapplika l-istess *ratio.*

21. Bosta leġislazzjonijiet moderni jinkludu provvedimenti speċjali li jirregolaw is-supplimentar tal-liġijiet. M'hemmx provvediment simili fil-liġi

tagħna.[2]

22. Biex tiġi applikata l-analoġija, jinħtieġ li jkun hemm:

(1) In-nuqqas ta’ provvediment fil-liġi pożittiva li jirregola l-kontroversja partikolari.

(2) Dan in-nuqqas ma jridx ikun sar apposta mil-leġislatur; f’liema każ japplika l-prinċipju *quod lex voluit, expressit; quod non expressit, noluit.*

(3) L-eżistenza ta’ dispożizzjonijiet preċiżi tal-liġi li jirregolaw każijiet simili jew materji analogi għall-oġġett tal-kontroversja.[3]

23. Barra minn hekk, hemm liġijiet li min-natura tagħhom ma jippermettux l-analoġija; fosthom:

(1) Il-liġijiet penali.

(2) Il-liġijiet li jrażżnu l-eżerċizzju ħieles tad-drittijiet lil hinn miż-żminijiet u każijiet fihom espressi, għaliex hemm preżunzjoni ġenerali tal-libertà sħiħa u bla limiti tal-eżerċizzju tad-dritt. Fost dawn hemm il-privileġġ

[2] Ara *Notes on Prolegomena* tal-Profs. J.M. Ganado (1965) paġna 41 *et seq*.
[3] *Il Digesto Italiano*, vol III, *parte 1* (1895) para 51, paġna 176.

mogħti mil-liġi għal ċerti krediti; u l-liġijiet fiskali.

(3) Liġijiet li joħolqu eċċezzjonijiet għar-regoli ġenerali jew għal-liġijiet oħrajn. Dan hu ekwivalenti għall-*jus commune* u l-*jus singulare* tad-Dritt Ruman.

Fil-*jus commune* jkun hemm normi ta' applikazzjoni ġenerali bbażati fuq proċess loġiku ta' deduzzjoni, kapaċi li jwasslu għall-konsegwenzi loġiċi kollha, b'mod li jestendu l-prinċipju informatur tiegħu, il-*juris ratio*, għal negozji ġuridiċi oħra mhux ikkontemplati mil-leġislatur.

Fil-*jus singulare*, il-prinċipju introdott mil-leġislatur bħala eċċezzjoni jrid jiġi kkunsidrat fid-dawl tar-regola li minnha jidderoga. Ir-regola tibqa' hemm kull fejn il-leġislatur ma ħoloqx eċċezzjoni għaliha: *exception firmat regulam in casibus non exceptis.* Għalhekk, ir-*ratio iuris* tad-dispożizzjoni eċċezzjonali ma tistax tiġi invokata biex issolvi każijiet oħrajn mhux ikkontemplati mil-leġislatur fl-eċċezzjoni, għax għalihom tibqa' tapplika bis-sħiħ ir-regola ġenerali.[4]

24. Fil-każ preżenti, il-metodu tal-analoġija ma jistax jiġi applikat, għal għadd ta' raġunijiet. Fl-ewwel lok, ma jirriżultax li l-leġislatur ħalla l-każ ta' interkjużura ta' fondi fuq xulxin bi żvista. Meta ġie redatt il-Kodiċi Ċivili

[4] Ibid., para. 52 *et seq*. Ara wkoll C. Massimo Bianca, *Diritto Civile*, 2a ediz. Vol I, *La Norma Giuridica, I Soggetti* (2002) para. 76, intitolat *L'Analogia.* paġni 99 *et seq*.

Franċiż li fuqu din id-dispożizzjoni hija mmudellata[5], ma kienx hawn biss raba' imma wkoll ibliet b'numru konsiderevoli ta' bini b'għoli ta' iktar minn sular wieħed. Il-kerrejja mertu ta' din il-kawża mhix xi struttura moderna imma waħda li skont kif jgħidu l-partijiet ilha hemm mijiet ta' snin, b'appartamenti mibnijin b'mod mhux ippjanat u wieħed kważi jidħol fuq l-ieħor. Kien proprju għalhekk li l-konvenuti u l-kjamati fil-kawża għamlu t-tpartit verbali. Fit-tieni lok, l-Art. 447 jirrappreżenta xkiel fuq il-liberu eżerċizzju tal-proprjetà tal-atturi u għandu jiġi interpretat restrittivament. Fit-tielet lok, joħloq eċċezzjoni, li ma tistax tiġi estiża b'analoġija.

25. It-tielet aggravju qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud.

26. In vista tal-premess, din il-Qorti mhix sejra tikkunsidra **r-raba' u l-ħames aggravji.**

***Decide***

27. Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħdha tilqa' uħud mill-aggravji kif suespost, tħassar is-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet attriċi billi:

1. Tiddikjara li l-konvenuti qegħdin jokkupaw il-kamra bin-numru 13 formanti parti minn kerrejja aċċessibli minn entratura komuni li ġġib in-

[5] L-Art. 447 (Art. 143 tal-Ordinanza) ġie mmudellat minn Sir Adrian Dingli fuq Art. 682 tal-Kodiċi ta' Napuljun, u liġijiet oħrajn.

numru uffiċjali 169, ġjà 163 fi Triq l-Arkata f'Raħal Ġdid mingħajr titolu validu skont il-liġi.

2. Tordna lill-konvenuti sabiex jiżgombraw mill-kamra inkwistjoni fi żmien sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza.

3. Tordna wkoll lill-konvenuti sabiex fl-istess żmien iwettqu, taħt id-direzzjoni u s-sorverjanza tal-Perit Mario Cassar, dawk ix-xogħlijiet kollha meħtieġa sabiex il-kamra inkwistjoni tiġi strutturalment mifruda minn mas-sular sovrastanti, sabiex b'hekk il-fond inkwistjoni jerġa' jiġi rijintegrat għall-istat oriġinali tiegħu.

4. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attriċi sabiex twettaq hija stess l-istess xogħlijiet ta' re-integrazzjoni msemmija fil-kamra inkwistjoni, taħt id-direzzjoni u sorveljanza tal-istess perit, a spejjeż tal-konvenuti.

Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm